**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 429/2018 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Brian Pace**

**Illum 24 t'Ottubru, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Brian Pace detentur tal-karta tal-identita bin-numru 377378M;

Akkuzat talli:

1. Nhar is-26 ta' Dicembru 2004 f'xi hin bejn is-1930hrs u l-2230hrs gewwa Marsaskala, ikkommettejt serq minn vettura tal-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni BBI583, liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix LM 1,000 (€2,329.37), bil-

Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqha u sar ghad-detriment ta' Roderick Debattista u / jew persun/i ohra;

2. u aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix LM 500 (€1164.69) ghad-dannu ta' Roderick Debattista u / jew persuna/i ohra;

3. Nhar it-08 ta' April 2013 f'xi hin bejn is-0630hrs u t-1530hrs gewwa Pieta', ikkommettejt serq minn vettura tal-ghamla Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni DAQ207 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix € 2,329.37 u bix-Xorta tal-Haga Misruqha u sar ghad-detriment ta' Rudy Farrugia u / jew persuna/i ohra;

4. u aktar talli fl-istess cirkostanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix € 2,500 ghad-dannu ta' Rudy Farrugia u / jew persuna/i ohra;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma **Brian Pace** bhala **recidiv** ta' sentenzi li saru defenittivi u ma jistghux jinbiddlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri skond Art. 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata fl-20 ta' Dicembru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, dokument mis-Sedqa, certifikat mediku, rapport psikologiku mmarkat bhala Dok RH1, rapport immarkat bhala Dok PS1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Roberta Holland, Vicku Scicluna, Petra Scicluna, Noel Cassar.

**Roberta Holland,** tikkonferma li kienet mahtura sabiex tirrelata jekk Brian Pace kiend dipendenti mid-droga kokaina u eroina fiz-zmien ta' bejn is-26 ta' Dicembru, 2004 u 8 t'April, 2013. Tghid li skont l-istorja ta' Brian Pace, sal-eta' ta' hdax-il sena, Brian kien diga' miss mas-sigaretti u alcohol u sa tlettax-il sena kien diga' juza l-cannabis. Ta' hmistax-il sena beda juza' l-eroina u ftit wara beda juza l-kokaina. Fil-perjodu ta' bejn l-2016 u 2017 kien hemm xi ftit progress izda xorta kien hemm ghad hemm l-uzu.

**Vicky Scicluna**, tghid li kienet spjegat lil Brian Pace il-procedura li trid issegwi l-Qorti bhala Drug Court.

**Petra Scicluna,** tghid li Brian Pace beda jattendi sessjonijiet ma Petra Scicluna mis-27 ta' Frar, tat-2018 u ghadu jigi segwit sallum.

**Noel Cassar**, rapprezentant tal-Caritas ikkonferma li Brian pace beda programm tal-Caritas.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tal-24 t'Ottubru, 2019, l-imputat irregistra ammissjoni, u semghet lid-Difiza u l-ufficjal Prosekutur jiddikjaraw li Ordni ta' Probation tkun iktar idoneja ladarba l-imputat qed jaghmel programm residenzjali.

## Decide

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Art 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2), 282, 325(1)(b), 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li semghet l-ammissjoni cara u inekwivoka tal-imputat, issibu hati u tapplika l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Nadia Ciappara**

**Deputat Registratur**